# RIŻORSA 15

## Id-drittijiet tal-bniedem f'xogħlijiet artistiċi

**Pittura fuq ħajt dwar id-drittijiet tal-bniedem**




*Source: © Gjenvick-Gjonvick Archives*

Din il-pittura fuq ħajt hija kollaborazzjoni bejn l-Uffiċċju tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fil-Paragwaj u Oz Montania, artist tat-triq lokali. Tinsab għall-wiri fil-Palazz tal-Ġustizzja f'Asunción, u saret tfakkira tal-ħidma importanti tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u t-taqbida twila tagħhom fil-pajjiż.

**"Il-Proklamazzjoni tal-Abolizzjoni tal-Iskjavitù fil-Kolonji Franċiżi"**
**François Auguste Biard, 1849**



**John LENNON - Imagine (1971)**

Immaġina li ma teżistix ġenna
– Faċli, jekk tipprova –
Li taħtna ma jeżistix infern
Li fuqna hemm biss sema
Immaġina n-nies kollha
Jgħixu għall-ġurnata tal-lum...

Immaġina li ma jeżistux pajjiżi
– Mhux diffiċli tagħmel dan –
Ebda raġuni biex tmut jew toqtol
U ebda reliġjon
Immaġina n-nies kollha
Jgħixu ħajjithom fil-paċi...

Immaġina li ħadd m'għandu xejn tiegħu
– Ma nafx tistax –
Ebda skop għar-rgħiba jew għall-ġuħ
Fraternità tal-bnedmin
Immaġina n-nies kollha
Jaqsmu d-dinja kollha bejniethom...

Għandek mnejn tgħid li jiena noħlom
Iżda m'iniex l-uniku wieħed

Nittama li xi darba tingħaqad magħna
U ngħixu lkoll ġo dinja waħda